# LECTIO DIVINA

# IL-ĦAMES ĦADD TAR-RANDAN (C)

## Ġw 8:1-11

**Ġw 8:1-11**

**Għal analiżi u lectio aktar appronfondita tas-silta ara Fr* MARTIN MICALLEF*, Il-ħniena quddiem id-dnub, f'Dawl Franġiskan (Marzu 2016), 24-31.*

**Ġesù telaq lejn l-Għolja taż-Żebbuġ.**

Filwaqt li l-qassisin il-kbar, il-Fariżej u l-għases «wieħed wieħed telqu lejn djarhom» (*Ġw* 7:53) għax ma qablux bejniethom fuq l-identità ta' Ġesù ta' Nazaret, insibu li Dak li sar «sinjal li jmeruh» (*Lq* 2:34) imur fuq l-Għolja: it-*tieni dar* tiegħu fejn kien jgħaddi l-lejl wara ġurnata jgħallem fit-Tempju (cfr *Lq* 21:37). L-«Għolja taż-Żebbuġ» hija l-post minn fejn *jinżel* Bin David sabiex jidħol solennament Ġerusalemm għall-*Għid* tiegħu (cfr *Lq* 19:37); hija l-post tat-*taqbida* biex isseħħ ir-rieda tal-Missier u mhux tiegħu (cfr *Mk* 14:26-42); hija l-post tat-*taqbida* ta' «Jum il-Mulej» (*Żak* 14:1ff) fejn Hu joħroġ u jqiegħed riġlejh fuqha. Dak li joħroġ rebbieħ fit-taqbida kontra l-ħażen, li «qalbu qawwija m'għandux imniex jibża'» (*S* 112:8) jista' jmur «fit-tempju» biex jeħles lill-bniedem mill-jasar tad-dnub.

**Imma l-għada qabel is-sebħ mar fit-tempju, u l-poplu kollu ġie ħdejh, u hu qagħad bilqiegħda jgħallimhom**.

Ġesù jieħu l-pożizzjoni tal-Imgħallem (cfr *Mt* 5:1-2; *Lq* 4:20; 5:3). Quddiem dawk li jersqu lejh, hu jwieġeb bi ħniena: «ra kotra kbira ta' nies u tħassarhom [gr. σπλαγχνίζομαι tr. *splanchizomai*] għax kienu qishom nagħaġ bla ma għandhom ragħaj, u qabad jgħallimhom ħafna ħwejjeġ» (*Mk* 6:34); «Tajjeb u sewwa l-Mulej; għalhekk juri triqtu lill-ħatja. Imexxi l-imsejkna fis-sewwa, jgħallem lill-fqajrin it-triq tiegħu.» (*S* 25:8-9).

**Imbagħad il-kittieba u l-fariżej ħadulu quddiemu waħda mara li kienet inqabdet fl-adulterju. Huma qegħduha fin-nofs**

L-imħeġġa għal-Liġi ta' Alla jwaqqfu lil Kristu mit-tagħlim sabiex iġibulu quddiemu din il-«mara». Bosta drabi nsibu illi lil Ġesù jitressqulu «kull min kellu xi hemm fuqu, dawk li kienu jbatu b'xi mard jew uġigħ, il-maħkumin mix-xitan, il-morda b'tal-qamar, il-mifluġin, u kien ifejjaqhom» (*Mt* 4:24; 8:16-17; 14:34-36). Iżda din id-darba qed titressaqlu persuna midinba sabiex jagħmel ġudizzju fuqha. Il-kittieba u l-fariżej iressqu quddiem Ġesù *problema/każ*. L-adulterju kien ikkundannat mil-Liġi ta' Mosè (cfr *Lev* 20:10; *Dt* 22:22) u l-piena kienet il-mewt kemm għar-raġel kif ukoll għall-mara li waqgħu f'adulterju. L-adulterju kien meqjus offiża kontra ż-żwieġ, u allura offiża kontra l-Patt ta' Alla ma' Iżrael (cfr *Eżek* 16:38-41; 23:45-48; *Mal* 2:13-16). Il-*każ* jidher ċar, u anki l-*applikazzjoni tal-Liġi*(li l-istess Ġesù wassal għall-perfezzjoni, cfr "l-adulterju fil-qalb" *Mt* 5:27-30)...iżda «fin-nofs» hemm il-«mara li kienet inqabdet fl-adulterju». Għal dawk li jressquha, «il-mara» hi sempliċement id-dnub tagħha (gr. «αμαρτεια γυναικα» tr. *hamarteia gunaika*).

**u qalulu: «Mgħallem, din il-mara inqabdet fil-fatt fl-adulterju. Issa fil-Liġi tagħna Mosè ordnalna biex nisa bħal dawn inħaġġruhom. Int, imma xi tgħid?» Dan qaluhulu biex iġarrbuh, ħalli jkollhom fuqhiex jixluh.**

Il-bniedem akkużat aktar milli hija «l-mara» huwa «Ġesù» li jiġi *mġarrab*, *ittentat*. Mill-ġdid il-qerq f'qalb il-bniedem irid id-demm tal-"innoċenti" kif ippruvaw jagħmlu l-anzjani b'Susanna (cfr *Dan* 13:1-64). Huma «jobogħdu 'l min iwiddeb fil-bieb, u jistmerru 'l min jgħid is-sewwa» (*Għam* 5:10). L-iskop tal-akkużaturi mhuwiex tant it-twettiq tal-Liġi ta' Alla u l-kundanna tad-dnub, imma l-użu tad-dnub biex iseħħ pjan djaboliku: dak li jinqered l-Iben ta' Alla għax ma jiġix emmnut (cfr *Ġw* 16:9). Il-ħsieb tagħhom hu li jġibu lil Ġesù f'pożizzjoni li kulkif jagħmel ser jiġi akkużat. Jekk kien imur kontra l-Liġi, allura kienu jixluh li qed jikser il-kmandamenti ta' Alla (cfr *Mk* 8:11; 10:2; 12:13); jekk kien jimxi ma' dak li tgħid il-Liġi allura kien imur kontra l-liġi Rumana li kienet neħħiet lil-Lhud l-awtorità li jikkundannaw għall-mewt; ukoll kien jiġi akkużat li l-missjoni tiegħu lejn il-midinbin hija falza u li hu mhuwiex ħlief midneb ieħor li jiġġustifika d-dnub (cfr *Mt* 11:19; *Mk* 2:15-16; *Lq* 7:35; 15:1-2). Fl-istess ħin l-għemil ħażin tagħhom iwassalhom biex lanqas huma stess ma josservaw dik il-Liġi li qed jużaw biex jikkundannaw lil mara u magħha lil Ġesù: hemm in-nuqqas ta' xhieda (cfr *Dt* 17:6; 19:5) u anki hija stramba kif minkejja li l-mara nqabdet «fil-fatt», hija u tagħmel l-

attività sesswali, ma tressaqx ukoll ir-raġel li kien magħha kif titlob il-Liġi (cfr *Lev* 20:10; *Dt* 22:22-24). Għall-bniedem li jeħodha kontra l-Verità kull persuna u kull mezz – anki l-istess Kelma ta' Alla – isir leċitu sabiex jilħaq l-għan tiegħu: huwa l-bniedem ta' bla skruplu.

**Imma Ġesù tbaxxa lejn l-art u beda jikteb b'sebgħu fit-trab.**

L-azzjoni ta' Ġesù tindika *indifferenza* u *rifjut ta' djalogu* ma' min jersaq mhux biex jiltaqa' mal-Verità imma biex jingħalaq dejjem aktar fl-injuranza tiegħu: hemm «żmien li tiskot, u żmien li titkellem» (*Koħ* 3:7); «min hu għaqli jibqa' sieket fi żmien bħal dan, għax huwa żmien ħażin» (*Għam* 5:13). Hu wkoll jibdel il-pożizzjoni minn dik ta' *mħallef bilqiegħda* lest biex jiġġudika lill-persuna mressqa quddiemu, għal dik ta' min *jitbaxxa lejn l-art*. Infatti l-Iben ta' Alla ġie fid-dinja mhux biex jikkundannaha imma biex hi temmen u ssalva (cfr *Ġw* 3:17). Hu niżel u tbaxxa għall-fidwa tal-midinbin: «Jien dudu tal-art, u mhux bniedem, żeblieħ tan-nies, tkasbir tal-poplu» (*S* 22:7). Din hija l-pożizzjoni ta' Ġesù f'*riġlejn* il-midneb (cfr *Ġw* 13:1-20). Il-ġest li *jikteb fl-art* ġie interpretat b'diversi modi, fosthom li Ġesù kiteb id-dnubiet ta' dawk li kienu qed jakkużaw lill-mara: «It-tama ta' Iżrael int, Mulej, kull min jabbandunak jitħawwad. Dawk li jitbiegħdu minnu fit-trab jinkitbu, għax telqu l-Mulej, l-għajn tal-ilma ġieri.» (*Ġer* 17:13). Bħal Ġesù, id-dixxipli mnebbħa mill-Ispirtu li jgħammar fihom, għandhom jagħżlu l-mument tal-kliem u l-mument tas-silenzju elokwenti li fl-istess ħin jakkuża lill-ħżiena: «Ara, jiena qiegħed nibgħatkom bħal nagħaġ qalb l-ilpup. Kunu mela għaqlin bħas-sriep u safjin bħall-ħamiem. Oqogħdu attenti mill-bnedmin! [...] Ma hemmx dixxiplu aqwa mill-imgħallem, anqas ilsir aqwa minn sidu.» (*Mt* 10:16-24). It-«trab» huwa r-realtà tal-*bniedem*: «aħna trab» (*S* 103:14; cfr *Ġen* 2:7). Aktar kemm il-bniedem ikun umli (*humus*), aktar kemm jagħraf il-verità tiegħu, aktar kemm jifhem li ħajtu tiddependi mill-qawwa tas-«sebgħa ta' Alla» (cfr *Eż* 31:18; *Lq* 11:20), aktar jevita li jġarrab lill-Mulej Alla tiegħu u jispiċċa avvelenat mill-jasar tax-xitan: «Anqas ma għandna nġarrbu l-Mulej, kif xi wħud minnhom ġarrbuh, u qerduhom is-sriep.» (*1Kor* 10:9).

**Billi dawk baqgħu jistaqsuh, qam dritt u qalilhom: «Min fostkom hu bla dnub jitfgħalha hu l-ewwel ġebla.»**

Il-persistenza tagħhom, li turi l-*iskumdità* interna li hemm fihom, twassal lil Ġesù biex *iqum dritt*. Fis-silta hu *jitbaxxa* (vv. 6.8) u *iqum* (vv. 7.10) darbtejn: hija l-*mogħdija* biex wieħed *jinżel ma' Kristu* u jirxoxta miegħu: «Jekk aħna mitna ma' Kristu, nemmnu wkoll li għad

ngħixu ma' Kristu.» (*Rum* 6:8). Hu lest isalva lil *kull persuna*: kemm lill-mara li hemm fin-nofs kif ukoll lil dawk li qegħdin jakkużawha. It-tweġiba ta' Ġesù hija f'konformità mal-Liġi li kienet tgħid li x-xhieda kellhom ikunu l-ewwel li jitfgħu l-ġebla (cfr *Lev* 24:10-16; *Dt* 13:10; 17:2-7). Iżda li tkun «bla dnub» ( gr. «αναμαρτητος» tr. *anamartetos*) hija kwalifika ta' Alla waħdu għax «tħassru l-bnedmin, għamlu ħwejjeġ ta' min jistmellhom, m'hemm ħadd li jagħmel is-sewwa.» (*S* 14:1); «Ħadd, ebda wieħed, ma hu ġust [...] Il-bnedmin kollha dinbu u ċċaħdu mill-glorja ta' Alla.» (*Rum* 3:10.23). Filwaqt li l-kittieba u l-fariżej kienu "inkwetati" bid-dnub tal-«mara», Ġesù jieqaf quddiemhom biex jaraw id-«dnub» tagħhom. Ħadd mill-midinbin ma hu f'pożizzjoni li jiġġudika bniedem ieħor: «Tiġġudikawx, biex ma tkunux iġġudikati; għax bl-istess ġudizzju li tagħmlu intom, tkunu ġġudikati; u bl-istess kejl li tkejlu intom, jitkejjel lilkom [...] Ja wiċċ b'ieħor, neħħi l-ewwel it-travu li għandek f'għajnejk int, ħalli mbagħad tara sewwa tneħħi t-tibna minn għajn ħuk!» (*Mt* 7:1-2.5).*"Din il-kelma ta' Ġesù hija l-vuċi tal-ġustizzja: ħalli tiġi kkastigata l-midinba, imma ma jikkastigawhiex il-midinbin; ħalli titwettaq il-Liġi, imma mhux minn dawk li jiksru l-Liġi!"* (S. Wistin, *In evangelio Ioannis* XXXIII, 5: *Haec vox iustitiae est: Puniatur peccatrix, sed non a peccatoribus; impleatur Lex, sed non a praevaricatoribus Legis.*).

**U raġa' tbaxxa jikteb fit-trab. Kif semgħuh jgħid dan, qabdu u telqu wieħed wara l-ieħor, ibda mix-xjuħ.**

L-ewwel ma jitilqu huma l-«πρεσβυτέρων» (tr. *presbuteron*) għax l-anzjanità mhijiex awtomatikament sinjal ta' virtù: il-bniedem f'kull mument ta' ħajtu jista' jagħżel it-tajjeb jew jegħreq fil-ħażen: «Int, li xjeħt fi ħżunitek, sa fl-aħħar dnubietek tal-imgħoddi laħquk...» (*Dan* 13:52). Quddiem il-Mulej il-bniedem jiltaqa' mal-verità tiegħu u jagħraf il-ħażen ta' ġo fih, għax Hu «jaqbad l-għorrief fil-ħażen ta' moħħhom; u l-ħsieb tal-qarrieqa jiġi fix-xejn; binhar isibu d-dlam ma' wiċċhom, u fl-aqwa tax-xemx iteftfu qisu billejl» (*Ġob* 5:13-15). Minħabba l-ebusija ta' qalbhom (cfr *Mk* 3:5), huma *jitilqu* minflok ma' jersqu bl-indiema lejn il-Feddej: «Ħa nersqu, mela, b'qalbna qawwija lejn it-tron tal-grazzja, biex naqilgħu ħniena u nsibu f'waqtha l-grazzja li neħtieġu.» (*Lhud* 4:16; cfr *1 Ġw* 3:20).

**Ġesù baqa' waħdu mal-mara, wieqfa fin-nofs. Qam dritt u qalilha: «Dawk fejnhom, mara? Ħadd minnhom ma kkundannak?»**

*"Tnejn baqgħu: il-miżera u l-miżerikordja"* (WISTIN, *In evangelio Ioannis* XXXIII, 5: *"Relicti sunt duo, misera et misericordia."*). Ġesù issa *jqum* biex *jeħles* lill-midinba mid-dnub tagħha. Għalih m'hemmx il-*każ* imma l-persuna: «mara» li għandha dinjità (cfr *Ġw* 2:4; 4:21; 20:15) tant li Hu l-ewwel wieħed li *jikkunsidraha* u *jkellimha*. Ġesù ġie fid-dinja biex jerġa' jagħti lill-bniedem midneb id-dinjità li kien tilef.

**«Ħadd, Sinjur,» qaltlu. «Mela anqas jien ma nikkundannak,» qalilha Ġesù**.

Il-mara tagħraf f'Ġesù xi ħadd aktar minn imħallef li jaqta' s-sentenza jew imgħallem li jwassal il-kontenuti tal-Liġi: huwa l-*Kyrios* (gr.«κυριε»), il-Mulej. Dak li hu tassew «bla dnub» (cfr *2Kor* 5:21; *Lhud* 4:15; *1Ġw* 3:5), li hu l-"eseġeta" tal-Missier – dak li għandu s-setgħa jitkellem fuq l-għemejjel ta' Alla (cfr *Ġw* 1:18: gr. «ἐξηγέομαι» tr. *exegeomai*) – ma jikkundannahiex: «jien ma nagħmel ħaqq minn ħadd» (*Ġw* 15:18). Hu nnifsu sar «dnub għalina sabiex aħna nsiru fih ġustizzja ta' Alla» (*2Kor* 5:21): il-«ġebel» ma ntużax kontra l-mara imma ser jintuża kontrih (cfr. *Ġw* 8:59). Il-mara tasal biex tistqarr li hu l-Mulej proprju għax iħaddan ġustizzja differenti: anzi hu l-qofol tal-Liġi (cfr *Mt* 5:17): *"Kieku Alla kellu jieqaf sal-ġustizzja, ma kienx jibqa' Alla, kien ikun bħall-bqija tal-bnedmin kollha li jfittxu r-rispett tal-liġi. Il-ġustizzja waħidha mhix biżżejjed, u l-esperjenza tgħallimna li jekk infittxu lilha biss inkunu nirriskjaw li neqirduha. Għalhekk Alla jmur lil hemm mill-ġustizzja bil-ħniena u l-maħfra."* (FRANĠISKU, *Misericordiae vultus* 21).

**«Mur, u mil-lum 'il quddiem tidnibx iżjed.»**

Ġesù jagħti lill-mara okkażjoni biex tikkonverti. Mhux magħruf x'għamlet il-mara, jekk wara din il-laqgħa ma' Kristu biddlitx ħajjitha jew reġgħetx lura għall-ħajja tad-dnub. Imma issa taf li dan il-«Mulej» Ġesù *ħabbha* u *ħafrilha* minflok ma *kkundannaha*; li sejħilha biex *tindem u tgħix* (cfr *Gal* 2:20; *Eżek* 18:32). F'idejha issa tħallix din il-laqgħa ma' Kristu ssir il-*bidu* ta' ħajja li xxandar it-tjieba u l-ħniena ta' Alla: «Din hija kelma ta' min jemminha u jilqagħha għalkollox: li Kristu Ġesù ġie fid-dinja biex isalva l-midinbin; u fosthom, lili l-ewwel wieħed. Iżda jien minħabba f'hekk sibt il-ħniena, sabiex bija, bħala l-ewwel wieħed, Kristu Ġesù juri s-sabar kollu tiegħu, b'eżempju għal dawk li kienu għad iridu jemmnu fih biex ikollhom il-ħajja ta' dejjem.» (*1Tim* 1:15-16).